sġajriet tal-ward aħmar, abjad u isfar, biċċa miftuħ u biċċa għadu ġewż.

"Sabiħ," wieġeb dak. "Nara naqtax waħda." Ixxabbat mal-ħajt, ġebbed u ġebbed, niggeż idu bix-xewk u ma seħħlux ħlief jaħfen u jaqta' għajr warda mitbiela, li malli fetaħ idu tfarfret u weraqha waqa' fl-art.

"Ħalli għalija, Grabiel," għedtlu. "Għassisli ara jkunx ġej xi ħadd!"

Tlajt fuq il-ħajt jien. "Warda ħamra miftuħa", għedtlu, u qtajt warda. "Warda ħamra magħluqa. Waħda bajda miftuħa. Bajda magħluqa. Safra miftuħa. Safra..." U bqajt naqtagħlu l-ward sa ma rajt li għaqqad għamra sew.

* * *

Ħriġna mill-Buskett u ġbidna lejn ir-Rabat. Wasalna fuq is-Saqqajja u rħejnielha lejn il-Belt. "Xinhu l-aħjar, il-Buskett jew it-Talkie?" milt lejh u saqsejtu kif konna fil-karozza, niżlin lejn il-Belt "Il-Buskett aħjar!" Grabiel weġibni. "Tridx nerġgħu mmorru s-Sibt li ġej?"

L. CUTAJAR

# DUN MIKIEL XERRI

*(Innu li tkanta Ħaż-Żebbuġ fit-Tifkira l-Kbira ta' Dun Mikiel Xerri għeluq il-mitejn sena mit-twelid tiegħu 1737-1937.)*

Raħal xemxi, Belt is-saħħa,
ħoll ilsienek f'dan il-jum;
għanni Ġrajja li fi ġmielha
kemm idum iż-żmien iddum.

Mitejn sena ġew u marru,
qerdu saħħa, qerdu ġmiel,
iżda siekta baxxew rashom
quddiem Raġel: Dun Mikiel.

Dun Mikiel—il-Bniedem t'Alla,
Dun Mikiel,—Qalb ta' l-azzar,
Malti sħiħ li xejn ma kisru
la theddid, la żgħil, la nar.

Taħt is-swar tal-Belt imħaxkna
kienu ħiemda miġburin,
—Tama f'Alla, nar f'sidirhom—
sabiex jirbħu l-Qalbenin.

Kliem li tlissen lill-egħdewwa
tal-konfeffa ta xi ħjiel....
Mietu bosta; l-aħħar wieħed
bħal Sansun miet Dun Mikiel.

Dun Mikiel eċċ.

Żebbuġin, tiċħdux lil demmkom;
kontu dejjem ta' quddiem:
kellkom hena u ġid fi djarkom,
kellkom għaqal, riżq u sliem.

Fit-taqbid mal-Qerq, mal-Ħiena,
tinsew qatt li tkunu rġiel;
f'nofs il-Misraħ għadu jħammar
safi d-demm ta' Dun Mikiel.

Dun Mikiel eċċ.

DUN KARM

7 - VIII - 37.